# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 257/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ivan Agius**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Ivan Agius**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 332673(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-24 ta' Marzu 2022 u fil-ġranet, ġimghat u xhur ta' qabel ġewwa Xatt ir-Risq, Bormla u/jew fil-viċinanzi:

1. b'diversi atti magħmula minnu li ġew magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

2. mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil Cospicua Boating Group u l-membri tal-kumitat u/jew persuni u/jew entitajiet oħra jħallsu dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lilhom u/jew persuni u/jew entitajiet fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;

3. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn Insp. D. Farr, PS 175 u PS 1576, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jaqdi, jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' erba' mitt Euro (€400). *Ai termini* ta' Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati sabiex ineħħi d-dgħajsa bin-numru P617 miż-żona mmarkata bl-aħmar fuq Dok. "JA I" u dan fi żmien jumejn (2) mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar jew tibdel ai termini tal-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju 2022 u filwaqt li żżomm ferm fuq il-liberazzjoni mit-tielet akkuża, tilliberah minn kull ħtija u piena skont l-liġi fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuża."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwarhom aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li permezz ta' ftehim (Dok. "JA 3" – *a fol.* 20 *et seq.*) iffirmat fl-1 ta' Lulju 2003 bejn il-Grand Harbour Marina Ltd fuq naħa u l-Kunsill Lokali ta' Bormla u l-Cospicua Boating Group fuq in-naħa l-oħra, is-soċjeta' Grand Harbour Marina Ltd intrabtet li tipprovdi parti mill-moll għall-użu esklussiv ta' numru ta' dgħajjes li kienu nklużi fil-lista mmarkata bl-ittra "B" fl-istess ftehim.

Illi fl-affidavit tiegħu **PS 1576 Simon Grech** (*a fol.* 5) qal li fl-24 ta' Marzu 2022 żewġ membri tal-Cospicua Boating Group irrapurtaw l-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla li l-appellant rabat id-dgħajsa tiegħu ma' mażra proprjeta' tal-Group imsemmi fil-viċinanzi tal-każin tar-Regatta u li dan kien għamlu mingħajr ebda dritt.

Illi fl-istqarrija (Dok. "DF 1" – *a fol.* 48 *et seq.*) rilaxxata mill-appellant, l-appellant qal li d-dgħajsa tiegħu hija dik bin-numru ta' registrazzjoni P-617 u meta ġie mistoqsi jgħid fejn jorbotha, wieġeb hekk: *"Ġo Bormla, fil-post ta' għoxrin Bormliż li suppost norbtu fuqhom"* (*a fol.* 49). Għad-domanda: *"Int għandek permess tipparkja d-dgħajsa tiegħek ma' dan il-moll?"* (*a fol.* 49), wieġeb: *"Xejn"* (*a fol.* 49).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jissottometti li l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ma jissusistux.

Illi għandu jingħad li r-reat ta' *ragion fattasi* li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mistħarreġ diversi drabi mill-Qrati tagħna b'dan illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aaron Mizzi** (Numru 116/2022) mogħtija fis-26 ta' Mejju 2022 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In breve u kif ġie deċiż f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin bħal dawk mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[1] kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imhallef Lawrence Quintano fil-kawża **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[2], jirriflettu l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu:-
>
> **a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;**
>
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;**
>
> **ċ) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;**
>
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi**."

Illi l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-erba' elementi elenkati hawn fuq separatament.

<u>L-Ewwel Element</u>
(<u>Att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna</u>):

[1] App. Krim. 14.10.1944, Vol. XXXII - IV, p. 768.
[2] Deċiża nhar l-20 ta' Ġunju 2014.

Illi fir-rigward tal-ewwel element hawn fuq imsemmi, il-Qorti tinnota illi huwa paċifiku li l-appellant kien qed jagħmel użu minn mażra tal-Cospicua Boating Group mingħajr il-kunsens tagħha.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li huwa kien qed jagħmel użu ta' postijiet li ma kienux qed jintużaw. Minkejja li dan jissemma fit-tieni aggravju, il-Qorti ser tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar dak li ngħad mill-appellant peress li jorbot ma' l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi*. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Bernardette Vella** (Numru 190/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "62. [... ]Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d-definizzjoni ta' 'tgawdija' fis-sens wiesgħa ta' 'pussess sempliċi'. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-'pussess' bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:
>
> > "L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-*ragion fattasi*, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-propjeta' tagħha. Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew dgawdija ta' dik il-ħaġa....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, **dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant,**

> **kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni**.""

Illi fil-fehma tal-Qorti, mix-xiehda mogħtija mill-membri ta' Cospicua Boating Group jirriżulta ċar li huma kienu qed igawdu mill-*berthing places*. Di fatti il-kwistjoni qamet peress li membru tal-Cospicua Boating Group ried iniżżel id-dgħajsa tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, l-użu huwa marbut ma' l-ispeċifiċita' tal-ħaġa li wieħed għandu l-pussess tagħha. Il-fatt li l-membri tal-Cospicua Boating Group tellgħu d-dgħajjes għall-manutenzjoni ma jneħħi xejn mill-fatt li huma kienu qed igawdu l-pussess ta' dawn il-*berthing places*. B'hekk isegwi li l-ewwel element tar-reat in eżami ġie sodisfatt.

<u>It-Tieni Element</u>

(<u>L-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt</u>):

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant allega li l-azzjoni tiegħu kienet qed issir minħabba xi forma ta' dritt. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu, PS 1576 Simon Grech (*a fol.* 5) jgħid li l-appellant qallu li ma kienx lest ineħħi d-dgħajsa tiegħu għaliex kienet tinsab f'post li kellu dritt jitfa' fih għaliex huwa Malti daqs kull membru tal-każin tar-Regatta. Ma jirriżultax li dan ġie kontradett mill-appellant u fil-fehma tal-Qorti l-aġir tiegħu qed isir minħabba li huwa qed jippretendi li għandu dritt. B'hekk anke t-tieni element tar-reat ġie wkoll sodisfatt.

<u>It-Tielet Element</u>

(<u>Ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali</u>):

Illi l-marina in kwistjoni hija amministrata minn konċessjonarju u ilha hekk amministrata ta' l-inqas mis-sena 2003 (Dok. "JA 3" – *a fol.* 20 *et seq*.). Mix-xiehda mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 minn Charles Briffa in rappreżentanza ta' Transport Malta (*a fol.* 54 *et seq*.) jirriżulta li postijiet mogħtija b'konċessjoni huma amministrati mis-sidien ta' dik il-konċessjoni. Jirriżulta paċifiku li l-moll u l-*berthing places* in kwistjoni ngħataw mill-konċessjonarju lil Cospicua Boating Group. Għaldaqstant, f'każ li l-appellant huwa tal-fehma li dan sar b'mod abużiv u hu jemmen li għandu l-

jedd li jorbot id-dgħajsa tiegħu hemm, huwa għandu jikkontesta dan permezz tal-mezzi legali neċessarji sabiex jilħaq l-għan tiegħu u mhux billi jorbot minn jeddu d-dgħajsa tiegħu hemm. Għaldaqstant, anke it-tielet element tar-reat ġie sodisfatt.

Ir-Raba' Element
(L-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi):
Illi l-appellant isemmi li l-aġir tiegħu jinkwadra ruħu fi ksur tal-liċenzja mogħtija lilu minħabba li tali liċenzja titlob li huwa jtella' d-dgħajsa u li konsegwentement dan ma huwiex reat ta' *ragion fattasi*.

Illi l-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellant minħabba li hawn wieħed qed jitkellem fuq żewġ azzjonijiet differenti: l-ewwel azzjoni tirrigwarda l-ksur tal-liċenzja maħruġa minn Transport Malta waqt li t-tieni azzjoni hija t-teħid abużiv ta' *berthing place* allokat lil ħadd ieħor. Iż-żewġ azzjonijiet jeżistu indipendentement minn xulxin u b'hekk isegwi li anke l-aħħar element tar-reat ġie wkoll sodisfatt.

Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew kollha ppruvati u konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellant ser jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li mill-provi prodotti f'ebda mument ma rriżulta li huwa wettaq ir-reat ta' *ragion fattasi*. Jilmenta li huwa ma wettaqx dan ir-reat minħabba li:

- rabat ma' moll li ma kienx użat;
- kien qed jagħmel użu tal-moll minħabba problemi fiżiċi li ma ppermettewlux li jtella' d-dgħajsa;
- il-koncessjoni ma għandhiex validita' la fin-numru ta' persuni li jistgħu jorbtu u lanqas fl-ispazju;

- din hija kwistjoni ċivili

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant b'mod partikolari għal dik il-parti fejn din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha rigward l-ewwel element ta' *ragion fattasi*. Dak li ngħad hemm japplika wkoll hawn b'dan illi ġialadarba l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* rriżulta li ġew sodisfatti, il-Qorti tista' tieqaf hawn pero' ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak li ngħad mill-appellant fit-tieni aggravju tiegħu.

Illi l-appellant jisħaq li l-konċessjoni ma għandhiex validita' la fin-numru ta' persuni li jistgħu jorbtu u lanqas fl-ispazju. Ma' dan l-argument, din il-Qorti torbot l-argument imsemmi fix-xiehda tal-appellant li l-*berthing place* numru wieħed huwa abużiv. Il-Qorti tinnota li fl-analiżi tagħha ma għandhiex tidħol fi kwistjonijiet ta' titolu minħabba li dak ikun aspett ċivili. Dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk il-Cospicua Boating Group kellhiex xi forma ta' pussess tal-*berthing place* fejn poġġa d-dgħajsa tiegħu l-appellant. Dan diġa' ġie kkunsidrat taħt l-ewwel aggravju.

Illi għal darb'oħra l-Qorti tistqarr li mhux kompitu tagħha li tidħol fuq kwistjonijiet ta' titolu. Dawn huma materji li jridu jiġu deċiżi mill-Qrati Ċivili u mhux quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. Dak li jikkonċerna lil din il-Qorti huwa biss jekk fil-mument tal-kummissjoni tal-allegat reat, il-*parte civile* kellhiex pussess sempliċi, detenzjoni jew xi forma tagħhom, anke fuq mera tolleranza, fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża in diżamina.

Illi l-appellant jilmenta li huwa għandu problemi fiżiċi. Apparti l-fatt li ma hemm l-ebda prova fl-atti proċesswali dwar il-problemi fiżiċi tal-appellant (u dan għajr id-depożizzjoni tiegħu) u apparti l-fatt li l-membri tal-Cospicua Boating Group jgħidu li rawh juża d-dgħajsa minn fuq is-CCTVs, il-Qorti xorta tqis li r-raġuni mressqa mill-appellant sabiex jorbot mal-mażri ta' ħaddieħor mhijiex waħda ġustifikata f'għajnejn il-liġi.

Illi jekk l-appellant jemmen li l-kwistjoni hija waħda ċivili, huwa għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex iħares id-drittijiet tiegħu b'dan illi ladarba f'dan il-każ ir-reat ta' *ragion fattasi* jirriżulta li ġie sodisfatt, il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tagħmel aktar konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jgħid li t-tielet imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu ma ġietx ippruvata. Huwa jirreferi għall-fatt li l-Ewwel Qorti ma sabitux ħati tal-imputazzjoni li ma obdiex ordnijiet tal-Pulizija. Huwa jorbot dan mal-fatt li fl-opinjoni tiegħu l-Pulizija ma kellhomx dritt jagħtu ordnijiet dwar kwistjonijiet ċivili bil-konsegwenza li din il-kwistjoni hija ta' natura ċivili.

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni minħabba li ma ġietx sodisfaċentement ippruvata u mhux għax ma setgħux jingħataw l-ordnijiet in kwistjoni. Konsegwentement anke t-tielet aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Ivan Agius u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi l-jumejn (2) żmien li l-appellant ġie ordnat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha sabiex ineħħi d-dgħajsa bin-numru P617 miż-żona mmarkata bl-aħmar fuq Dok. "JA 1" jibdew jiddekorru mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |